A.L. 45 ta' l-1993

ORDINANZA DWAR IR-REGOLAMENT TAT-TRAFFIKU (KAP. 65)

Regolamenti ta' l-1993 li jemendaw ir-Regolamenti dwar *Tractors* bil-Mutur

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 17 ta' l-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku, il-Kummissarju tal-Pulizija, bil-parir tal-Bord għall-Kontroll tat-Traffiku, għamel ir-regolamenti li ġejjin:—

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1993 li jemendaw ir-Regolamenti dwar *Tractors* bil-Mutur, u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1979 dwar *Tractors* bil-Mutur, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali".

A.L. 50 ta' l-1979.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jibdew iseħħu fid-29 ta' Marzu, 1993.

Jissostitwixxi r-regolamenti 20 tar-regolamenti prinċipali.

2. Minflok ir-regolament 20 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"Post awtorizzat għall-ipparkjar u depożt għall-ħażna ta' *containers*.

20. Id-Depożt tal-*Containers* ta' Ħal Far huwa post awtorizzat ta' l-ipparkjar u d-depożt għall-ħażna ta' *containers* għall-fini ta' dawn ir-regolamenti.".